

32005D0960

30.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 347/83

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**  
**tal-15 ta' Novembru 2005**  
**li temenda r-Regolament intern tagħha**

(2005/960/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 131 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(1) tiegħu,

IDDEĊIDIET:

*Artikolu 1*

L-Artikoli 1 sa 28 tar-Regolament intern tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup> huma mibdula bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006.

*Artikolu 3*

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, nhar il-15 ta' Novembru 2005.

*Mill-Kummissjoni*  
Jose Manuel BARROSO  
*Il-President*

<sup>(1)</sup> ĠU L 308, 8.12.2000, p. 26. Regolament intern emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 2004/563/KE, Euratom (ĠU L 251, 27.7.2004, p. 9).

## ANNEX

## KAPITOLU I

**IL-KUMMISSJONI**

## TAQSIMA I

**Dispożizzjonijiet Ġenerali**

## Artikolu 1

**Il-prinċipju tar-responsabbiltà kollettiva**

Il-Kummissjoni tagħxi kollettivament b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolament intern u b'rispett lejn il-linji gwida politiki ddefiniti mill-President tagħha.

## Artikolu 2

**Il-prijoritajiet u l-programm ta' ħidma**

B'rispett lejn il-linji gwida politiki ddefiniti mill-President tagħha, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-prijoritajiet strateġiċi tagħha, li bis-saħħa tagħhom, kull sena, tadotta l-programm ta' ħidma tagħha kif ukoll l-abbozz preliminari tal-baġit għas-sena ta' wara.

## Artikolu 3

**Il-President**

1. Il-President jista' jagħti lill-Membri tal-Kummissjoni oqsma ta' attivitajiet partikolari li għalihom ikunu speċifikament responsabbli għat-tħejija tal-ħidmiet tal-Kummissjoni u t-tweqqif tad-deċiżjonijiet tagħha.

F'kull ħin, huwa jista' jimmodifika dawn il-kompiti.

2. Il-President jista' jwaqqaf gruppi permanenti jew ad hoc fost il-Membri tal-Kummissjoni. Huwa jagħżel il-President ta' dawn il-gruppi u jstabbilixxi l-għamla tagħhom. Huwa jstabbilixxi l-mandat ta' dawn il-gruppi u japprova r-regoli operattivi tagħhom.

3. Il-President jirrappreżenta l-Kummissjoni. Huwa jagħżel il-Membri tal-Kummissjoni għall-kariga li jassistuh f'din il-ħidma.

## Artikolu 4

**Il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet**

Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jittieħdu:

- a) fil-laqgħat tal-Kummissjoni bi proċedura orali jew
- b) bi proċedura bil-miktub skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 jew
- c) bi proċedura ta' awtorizzazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13 jew
- d) bi proċedura ta' delega skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14.

## TAQSIMA 2

**Il-laqgħat tal-Kummissjoni**

## Artikolu 5

**Meta tissejjaħ laqgħa**

1. Il-Kummissjoni tissejjaħ għal-laqgħat mill-President.
2. B'regola ġenerali, il-Kummissjoni tiltaqa' mill-inqas darba fil-ġimgħa. Barraminhekk, din tiltaqa' kull meta jkun meħtieġ.

3. Il-Membri tal-Kummissjoni huma meħtieġa jattendu għal-laqgħat kollha. Il-President jiddeċiedi jekk dawn ikunux eżentati minn dan l-obbligu f'ċertu ċirkostanzi.

#### Artikolu 6

##### L-aġenda tal-laqgħat tal-Kummissjoni

1. Il-President jadotta l-aġenda ta' kull laqgħa tal-Kummissjoni.
2. Bla ħsara għall-poter tal-president li jistabilixxi l-aġenda, kull proposta li timplika spejjeż sinifikattivi għandha tiġi ppreżentata bi ftehim mal-membri tal-Kummissjoni nkarigat mill-baġit.
3. Jekk Membru tal-Kummissjoni jipproponi ż-żieda ta' punt fl-aġenda, il-President għandu jiġi mgħarraf kif inhu stipulat mill-Kummissjoni b'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 28 ta' dawn ir-Regoli, minn hawn 'il quddiem "ir-regoli ta' implimentazzjoni".
4. L-aġenda u d-dokumenti meħtieġa għandhom jitwasslu lill-Membri tal-Kummissjoni kif inhu stipulat minnha b'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni.
5. Jekk Membru tal-Kummissjoni jitlob li jirtira punt mill-aġenda, dan għandu jitħalla għal-laqgħa li jkun imiss, jekk il-President jaqbel.
6. Fuq proposta tal-President, il-Kummissjoni tista' tiddiskuti punt li ma jkunx fl-aġenda jew li d-dokumenti ta' ħidma neċessarji għal dan il-punt ikunu tqassmu tard. Din tista' tiddeċiedi li ma tiddiskuti punt li jinsab fl-aġenda.

#### Artikolu 7

##### Il-Kworum

In-numru ta' Membri li huma meħtieġa li jkunu preżenti biex il-Kummissjoni tiddiskuti b'mod xieraq għandu jkun daqs il-maġġoranza tal-Membri pprovduta fit-Trattat.

#### Artikolu 8

##### It-tehid tad-deċiżjonijiet

1. Il-Kummissjoni għanda tieħu d-deċiżjonijiet fuq il-proposta minn Membru wieħed jew aktar.
2. Il-Kummissjoni tgħaddi għal vot fuq talba ta' wieħed mill-membri tagħha. Dan il-vot jikkonċerna l-abbozz inizjali jew l-abbozz emendat mill-membri jew il-membri responsabbli għall-inizjattiva in kwistjoni jew mill-President.
3. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għandhom jiġu adottati bil-maġġoranza tal-voti tal-Membri, kif inhu pprovdut fit-Trattat.
4. Il-President għandu jeżamina r-riżultat tad-diskussjonijiet, li għandhom jiġu mtennija fil-minuti tal-laqgħa kif inhu pprovdut fl-Artikolu 11 ta' dawn ir-Regoli.

#### Artikolu 9

##### Il-kunfidenzjalità

Il-laqgħat tal-Kummissjoni m'għandhomx ikunu pubbliċi. Id-dibattiti għandhom jibqgħu kunfidenzjali.

#### Artikolu 10

##### Il-preżenza tal-funzjonarji u ta' persuni oħra

1. Sakemm il-Kummissjoni ma tiddeċidix xort'oħra, is-Segretarju Ġenerali u l-Kap tal-kabinett tal-President għandhom jassistu għal-laqgħat. Ir-regoli ta' implimentazzjoni jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li fihom persuni oħra huma awtorizzati li jassistu għal-laqgħat.
2. F'każ ta' assenza ta' wieħed mill-Membri tal-Kummissjoni, il-Kap tal-kabinett tiegħu jista' jassisti għal-laqgħa, u fuq stedina mill-President, jippreżenta l-opinjoni tal-Membri assenti.
3. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tisma' kull persuna oħra.

*Artikolu 11***Il-minuti**

1. Il-minuti għandhom jittieħdu f'kull laqgħa tal-Kummissjoni.
2. L-abbozz tal-minuti huwa suġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni f'laqgħa sussegwenti. Il-minuti approvati għandhom jiġu awtentiċizzati bill-frem tal-President u tas-Segretarju Ġenerali.

## TAQSIMA 3

**Il-proċeduri l-oħra għat-teħid tad-deċiżjonijiet***Artikolu 12***Id-deċiżjonijiet bi proċedura bil-miktub**

1. Il-ftehim tal-Membri tal-Kummissjoni dwar abbozz minn wieħed jew aktar minnhom jista' jinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, sakemm ikunu rċevew minn qabel l-opinjoni favorevoli tas-Servizz Legali kif ukoll il-qbil minn qabel tad-dipartimenti li jkunu ġew ikkonsultati b'mod xieraq b'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 23 ta' dawn ir-Regoli.

Din l-opinjoni favorevoli u/jew dan il-qbil jistgħu jiġu mibdula bi ftehim bejn il-Kapijiet tal-kabinetti, b'konformità mal-proċedura miktuba ta' finalizzazzjoni kif imfissra fir-regoli ta' implimentazzjoni.

2. Għal dan il-għan, it-test ta' l-abbozz għandu jitwassal bil-kitba lill-Membri tal-Kummissjoni kollha, taħt il-kundizzjonijiet stipulati minn din, b'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni, fl-limitu ta' żmien li fih il-Membri għandhom għarrfu r-riżervi tagħhom jew l-emendi li jistgħu jkunu jridu jagħmlu fir-rigward ta' l-abbozz.
3. Fil-proċedura bil-kitba, kull Membru tal-Kummissjoni jista' jitlob li l-abbozz iwassal għal dibattitu. Għal dan il-għan, huwa għandu jindirizza talba lill-President.
4. Test ta' abbozz jiġi meqjus bħala adottat mill-Kummissjoni jekk l-ebda Membru ma jkun ressaq jew ikkonferma talba għas-sospensjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-proċedura bil-miktub.

*Artikolu 13***Id-deċiżjonijiet bi proċedura ta' delega**

1. Sakemm ikun rispettata għal kollox il-prinċipju tar-responsabbiltà kollettiva, il-Kummissjoni tista' tawtorizza wieħed jew iktar mill-Membri tagħha li jieħdu miżuri ta' immaniġġjar u ta' amministrazzjoni f'isimha, fil-limiti u skond il-kundizzjonijiet li tistipula.
2. Il-Kummissjoni tista' wkoll tinkariga lil wieħed jew iktar mill-Membri tagħha, bil-qbil tal-President, biex jadottaw it-test definittiv għal atti jew għal proposti li għandhom jiġu ppreżentati lill-istituzzjonijiet l-oħrajn, fejn is-sostanza tkun diġà definita fid-diskussjonijiet tagħha.
3. Is-setgħat mogħtija b'dan il-mod jistgħu jiġu sottodelegati lid-Diretturi Ġenerali u lill-Kapijiet tad-Dipartimenti, sakemm dan ma jkunx ipprobit b'mod espressiv fid-deċiżjoni tad-delega.
4. Id-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar id-delega fil-qasam finanzjarju u għas-setgħat mogħtija lill-awtorità li taħtar u lill-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti ta' l-impjeg.

*Artikolu 14***Id-deċiżjonijiet bi proċedura ta' delega**

Sakemm ikun irrissettata għal kollox il-prinċipju tar-responsabbiltà kollettiva tagħha, il-Kummissjoni tista' tiddelega f'isimha l-adozzjoni tal-miżuri ta' l-immaniġġjar u ta' l-amministrazzjoni lid-Diretturi Ġenerali u lill-Kapijiet tad-Dipartimenti, fil-limiti u skond il-kundizzjonijiet li tistipula.

## Artikolu 15

**Is-sottodelaga għad-deċiżjonijiet individwali ta' l-għotjiet u għotja ta' kuntratti**

Id-Direttur Ġenerali jew il-Kap tas-servizz li jkun kiseb kompetenzi sottodelegati jew delegati, f'konformità ma' l-Artikoli 13 u 14 għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ffinanzjar, jista' jiddeċiedi li jissottodelega t-teħid ta' ċerti deċiżjonijiet individwali ta' għotjiet jew ta' għotja ta' kuntratti lid-Direttur kompetenti jew, bi ftehim mal-Membru tal-Kummissjoni responsabbli, lill-Kap ta' l-Unità kompetenti, fil-limiti u l-kundizzjonijiet stipulati bir-regoli ta' implimentazzjoni.

## Artikolu 16

**L-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet meħuda**

Id-deċiżjonijiet adottati bi proċedura bil-miktub, bi proċedura ta' delega jew bi proċedura ta' delega għandhom jiġu rreġistrati f'nota ta' kuljum li għandha tiġi rreġistrata fil-minuti tal-laqqgħa tal-Kummissjoni li jkun imiss.

## TAQSIMA 4

**Dispożizzjonijiet komuni għall-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet**

## Artikolu 17

**L-awtentifikazzjoni ta' l-atti adottati mill-Kummissjoni**

1. L-atti adottati fil-laqqgħa għandhom jiġu mehmuża, fil-lingwa jew fil-lingwi awtentiċi, b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu sseparati, ma' nota sommarja ppreparata fi tmiem il-laqqgħa tal-Kummissjoni li fiha jkunu ġew adottati. Dawn l-atti għandhom jiġu awtentifikati bil-firem tal-President u tas-Segretarju Ġenerali fl-aħħar paġna tan-nota sommarja.
2. L-atti adottati mill-proċedura bil-miktub u mill-proċedura ta' delega f'konformità ma' l-Artikoli 12 u 13, l-ewwel u t-tieni paragrafi, ta' dawn ir-Regoli huma mehmuża fil-lingwa jew fil-lingwi awtentiċi b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu sseparati, man-nota ta' kuljum imsemmija fl-Artikolu 16 ta' dawn ir-Regoli. Dawn l-atti għandhom jiġu awtentifikati bil-firem tas-Segretarju Ġenerali fl-aħħar paġna tan-nota ta' kuljum.
3. L-atti adottati mill-proċedura ta' delega jew b'sottodelega huma mehmuża fil-lingwa jew fil-lingwi awtentiċi b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu sseparati, man-nota ta' kuljum imsemmija fl-Artikolu 16. Dawn l-atti għandhom jiġu awtentikati b'dikjarazzjoni ta' awtoċertifikazzjoni ffirmata mill-uffiċjal sottodelegat jew delegat f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikoli 13 u l-Artikoli 14 u 15.
4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament intern, "atti" tfisser kull att imsemmi fl-Artikolu 249 tat-Trattat tal-KE u fl-Artikolu 161 tat-Trattat tal-Euratom.
5. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament intern, "lingwi awtentiċi" tfisser il-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunitajiet, mingħajr preġudizzju lejn l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 930/2004<sup>(1)</sup>, fejn jidħlu atti ġenerali, u għal atti oħrajn, il-lingwa ta' min ikun qed jiġi indirizzat.

## TAQSIMA 5

**Il-preparazzjoni u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni**

## Artikolu 18

**Il-gruppi tal-Membri tal-Kummissjoni**

Il-gruppi tal-Membri tal-Kummissjoni jagħtu kontribut għall-koordinazzjoni u għall-preparazzjoni tal-ħidmiet tal-Kummissjoni, fil-qasam tal-prijoritajiet strateġiċi stabbiliti mill-Kummissjoni u skond il-mandat u l-linji gwida politiċi stabbiliti mill-President.

## Artikolu 19

**Il-kabinetti u r-relazzjonijiet mad-dipartimenti**

1. Il-Membri tal-Kummissjoni għandu jkollhom kabinett inkarigat li jassisti fit-tweqqif tal-ħidmiet tagħhom u fil-preparazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Ir-regoli dwar l-għamla tal-kabinetti jitwaqqfu mill-President.
2. Il-Membri tal-Kummissjoni japprovaw ir-regoli ta' ħidma mad-dipartimenti li qegħdin taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Dawn ir-regoli jispeċifikaw partikolarment il-mod ta' kif il-Membri tal-Kummissjoni jagħtu l-istruzzjonijiet tagħhom

(<sup>1</sup>) ĠU L 169, 1.5.2004, p. 1.

lid-dipartimenti kkonċernati, li mingħandom jirċievu b'mod regolari kull informazzjoni meħtieġa dwar il-qasam ta' attività tagħhom biex jeżerċitaw ir-responsabbiltà tagħhom.

#### Artikolu 20

### Is-Segretarju Generali

1. Is-Segretarju Ġenerali jassisti lill-President fil-preparazzjoni tal-ħidmiet u fit-tmexxija tal-laqqgħat tal-Kummissjoni. Huwa jassisti wkoll lill-presidenti tal-gruppi tal-Membri maħluqa b'konformità ma' l-Artikolu 3, paragrafu 2, ta' dawn ir-Regoli fil-preparazzjoni u fit-tmexxija tal-laqqgħat tagħhom.
2. Huwa jiżgura l-implimentazzjoni tal-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jara li d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 ta' dawn ir-Regoli jiġu eżegwiti.
3. Hu għandu jgħin biex jiżgura li jkun hemm il-kooperazzjoni meħtieġa bejn id-dipartimenti waqt il-ħidmiet preparatorji, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23 ta' dawn ir-Regoli, u jara li u li d-dokumenti sottomessi lill-Kummissjoni jkunu ta' kwalità tajba fis-sustanza u li r-regoli dwar il-forma jkunu osservati.
4. Sakemm ma jkunx każ speċifiku, huwa jieħu l-miżuri meħtieġa biex jara li jkun hemm in-notifika u l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ta' l-atti tal-Kummissjoni, kif ukoll it-tixrid ta' dokumenti tal-Kummissjoni u tad-dipartimenti tagħha f'istituzzjonijiet oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej.
5. Huwa jiżgura r-relazzjonijiet uffiċjali ma' l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, suġġetti għall-kompetenzi li l-Kummissjoni tiddeċiedi li teżerċita hi stess jew li tagħti lill-Membri jew lid-dipartimenti tagħha. Huwa jsegwi l-ħidmiet ta' l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej u jinforma lill-Kummissjoni dwar dawn.

## KAPITOLU II

### ID-DIPARTIMENTI TAL-KUMMISSJONI

#### Artikolu 21

### L-istruttura tad-dipartimenti

Biex tipprepara u timplimenta l-azzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha għadd ta' dipartimenti, strutturati f'Direttorati Ġenerali u d-dipartimenti relatati.

B'mod ġenerali, id-Direttorati Ġenerali u d-dipartimenti relatati huma mqassma f'direttorati, u d-direttorati f'units,

#### Artikolu 22

### Il-ħolqien ta' funzjonijiet u ta' strutturi speċifiċi

Biex tilħaq ċertu bżonnijiet partikolari, il-Kummissjoni tista' toħloq funzjonijiet u strutturi speċifiċi bil-kariga ta' missjonijiet preċiżi. Hi tiddeċiedi wkoll ir-responsabbiltajiet u r-regoli ta' l-operat tagħhom.

#### Artikolu 23

### Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn id-dipartimenti

1. Biex tkun assigurata l-effikaċja tal-Kummissjoni, id-dipartimenti jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib u b'mod koordinat sa mill-bidu tal-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet.
2. Id-dipartiment responsabbli mill-preparazzjoni ta' inizjattiva jara li, sa mill-bidu tal-ħidmiet preparatorji, ikun hemm koordinazzjoni effettiva bejn id-dipartimenti kollha li għandhom interess leġittimu għal din l-inizjattiva in virtù tal-kompetenza u tar-responsabbiltajiet jew tan-natura tal-kwistjonijiet.

3. Qabel ma dokument jiġi sottomess lill-Kummissjoni, id-dipartiment responsabbli jipproċedi fil-ħin li hemm bżonn għall-konsultazzjonijiet tad-dipartimenti li għandhom interess leġittimu għall-abbozz, b'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni.

4. Il-konsultazzjoni tas-servizz legali huwa obligatorju għall-abbozzi u l-proposti ta' l-atti ġuridiċi kollha kif ukoll għad-dokumenti kollha li jista' jkollhom implikazzjoni ġuridika.

Biex tinbeda proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet pprovduta fl-Artikoli 12, 13 u 14 ta' dawn ir-Regoli, il-konsultazzjoni tas-Servizz Legali hi dejjem meħtieġa ħlief għad-deċiżjonijiet dwar l-atti standard fejn il-ftehim ikun diġà sar minn qabel (atti repetittivi). Din mhix meħtieġa għad-deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 15.

5. Il-konsultazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali hija obligatorja għall-inizjattivi kollha:

- a) li għandhom importanza politika jew
- b) li jidhru fil-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni kif ukoll fl-istrument ta' programmazzjoni fis-seħħ jew
- ċ) li jikkonċernaw l-aspetti istituzzjonali jew
- d) li huma sottomessi għall-analiżi ta' impatt jew għal konsultazzjoni pubblika.

6. Bl-eċċezzjoni tad-deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 15, il-konsultazzjoni tad-Direttorati Ġenerali inkarigati mill-baġit, mill-impjegati u mill-amministrazzjoni hija obligatorja għad-dokumenti kollha li jista' jkollhom implikazzjoni fil-baġit, fil-finanzi, għall-impjegati u fl-amministrazzjoni rispettivament. L-istess bżonn japplika għad-dipartiment inkarigat mill-ġlieda kontra l-frodi.

7. Id-dipartiment responsabbli għandu jara kif jistabilixxi proposta li tiġbor il-ftehim tad-dipartimenti kkonsultati. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, dan għandu jakkumpanja l-proposta bl-opinjoni differenti ta' dawn id-dipartimenti, mingħajr pre-ġudizzju lejn id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 ta' dawn ir-Regoli.

### KAPITOLU III

#### ID-DELEGI

##### Artikolu 24

#### **Il-Kontinwità fis-Servizz**

Il-Membri tal-Kummissjoni u d-Dipartimenti għandhom jiżguraw li jieħdu kull miżura xierqa biex jiżguraw Il-kontinwità fis-servizz, skond id-dispożizzjonijiet adottati għal dan il-għan mill-Kummissjoni jew il-President.

##### Artikolu 25

#### **Id-delegi tal-President**

F'każ li l-President ma jkunx jista' jeżerċita l-karigi tiegħu, dawn għandhom jiġu eżerċitati mill-viċi-President jew minn Membru fl-ordni stabbilita mill-President.

##### Artikolu 26

#### **Id-delegi tas-Segretarju Ġenerali**

F'każ li s-Segretarju Ġenerali ma jkunx jista' jeżerċita l-karigi tiegħu, dawn għandhom jiġu eżerċitati mill-ogħla Deputat Segretarju Ġenerali, u f'każ li jkunu anzjani ndaqs, mill-akbar wieħed jew minn uffiċjal magħżul mill-Kummissjoni.

Fin-nuqqas ta' Deputat Segretarju Ġenerali preżenti jew ta' uffiċjal magħżul mill-Kummissjoni, id-delega għanda tiġi eżerċitata mill-uffiċjal subordinat preżenti l-iktar anzjan, u f'każ li jkunu anzjani ndaqs, mill-akbar wieħed fl-ogħla kategorija u grad.

*Artikolu 27***Id-delegati tas-superjuri gerarkiki**

1. Meta Direttur Ġenerali huwa indispost, dan għandu jiġi delegat mid-Deputat Direttur Ġenerali preżenti l-iktar anzjan, u f'każ li jkunu anzjani ndaqs, mill-akbar wieħed jew minn uffiċjal magħżul mill-Kummissjoni.

Fin-nuqqas ta' Direttur Ġenerali preżenti jew ta' uffiċjal magħżul mill-Kummissjoni, id-delega għandha tiġi eżerċitata mis-subordinat preżenti l-iktar anzjan, u f'każ li jkunu anzjani ndaqs, mill-akbar wieħed fl-ogħla kategorija u grad.

2. Meta Kap tal-Unit huwa indispost, dan għandu jiġi delegat mid-Deputat Kap tal-Unit jew minn uffiċjal magħżul mid-Direttur Ġenerali.

Fin-nuqqas ta' Deputat Kap tal-Unit preżenti jew ta' uffiċjal magħżul mid-Direttur Ġenerali, id-delega għandha tiġi eżerċitata mis-subordinat l-iktar anzjan, u f'każ li jkunu anzjani ndaqs, mill-akbar wieħed fl-ogħla kategorija u grad.

3. Kull superjur ġerarkiku ieħor għandu jiġi delegat minn uffiċjal magħżul mid-Direttur Ġenerali, bi ftehim mal-Membru tal-Kummissjoni responsabbli. F'każ li ma jkunux ġew magħżula s-sostituti, id-delega għandha tiġi eżerċitata mis-subordinat l-iktar anzjan, u f'każ li jkunu anzjani ndaqs, mill-akbar wieħed fl-ogħla kategorija u grad.

## KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI***Artikolu 28***Regoli ta' implimentazzjoni u miżuri supplementari**

Sakemm hemm bżonn, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni ta' dawn ir-Regoli.

Il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri supplimentari dwar l-operat tal-Kummissjoni u tad-dipartimenti tagħha.

*Artikolu 29***Dħul fis-seħħ**

Dawn ir-Regoli ta' Proċedura se jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006.

---